MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Numru 512/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**
**vs**

**GREZZJU MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Grezzju Mizzi, ta’ 44 sena, bin Emanuel u l-mejta Mananni nee Zamit, imwieled Pieta, d.t.t. 29.06.1958 u joqghod 49, Flat 3 Triq San Pawl Bormla, bin-numru ta’ l-Identita nru: 498058(M).

Billi gie akkuzat talli fl-24 ta’ Jannar 2003 ghal habta ta’ t-8.30am gewwa l-fabbrika Medina Ltd Hal Far limita ta’ Birzebugia waqt li kien fuq ix-xoghol volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’

Denis Magro mill-Qrendi skond kif iccertifika Dr. Laurence Galea MD tal-Casualty Dept ta' l-isptar San Luqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok NL2 u nnutat li l-imputat Grezzju Mizzi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Priscilla Caruana iddikjarat li f'dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma Denis Magro.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Grezzju Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Priscilla Caruana iddikjarat li f'dan il-kaz kien jissussisti element ta' provokazzjoni da parti tal-vittma Denis Magro, tillibera lill-imputat Grezzju Mizzi taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Grezzju Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------